**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Ġuramentat Nru **220/2022**

**MARIO SPITERI (KI 142142M)**
**U B'DIGRIET TAD-9 TA' MARZU 2023 L-ATTI ĠEW TRASFUŻI F'ISEM**
**ROGER SPITERI,**
**MARY CARMELINA MUSCAT (KI 637550M),**
**JOHN BAPTIST SPITERI (KI 218246M)**
**U B'DIGRIET TAT-22 TA' MARZU 2024 L-ATTI ĠEW TRASFUŻI F'ISEM**
**MARIA SPITERI,**
**RITA MUSCAT (KI 621053M),**
**ELIZABETH ATTARD (KI 85055M),**
**GEORGE SPITERI (KI 362552M), U**
**JOSEPHINE SPITERI (KI 28159M)**
**F'ISIMHA PROPRJU U GĦAN-NOM TA' ĦUHA**
**DANIEL SPITERI**
**(LIĊENZJA TAS-SEWQAN AWSTRALJANA 022177164)**
**KIF DEBITAMENT AWTORIZZATA**

**VS**

**DR JOSEPH P BONNICI**
**U L-PROKURATUR LEGALI HILDA ELLUL MERCER**
**LI B'DIGRIET TAL-15 TA' ĠUNJU 2022 ĠEW MAĦTURA KURATURI DEPUTATI SABIEX JIRRAPPREŻENTAW LILL-EREDI MHUX MAGĦRUFA TA' PAUL SPITERI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, sitta u għoxrin (26) ta' Settembru 2024**

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza finali dwar talba sabiex jiġi awtorizzat il-bejgħ tal-intier tad-dar bin-numru uffiċjali tlieta u sittin (63) fi Triq Sant'Aristarku, Rabat, Malta, hekk kif prospettat fil-konvenju datat ħmistax (15) ta' Mejju 2019 iffirmat bejn ir-rikorrenti u l-kumpratur Warren Falzon, fit-termini tal-Artikolu 495A tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, magħmula permezz ta' rikors datat erbatax (14) ta' Marzu 2022;

**Preliminari**

2. Permezz ta' rikors ippreżentat nhar l-erbatax (14) ta' Marzu 2022, ir-rikorrenti **Mario Spiteri et** ippremettew:

   a. *Illi r-rikorrenti kollha huma ko-proprjetarji tal-fond ossia dar mibnija fuq livell tat-triq, bin-numru uffiċjali tlieta u sittin (63), fi Triq Sant'Aristarku, Rabat, Malta, inkluż il-kantina sottostanti l-istess dar u in parti sottostanti proprjeta' ta' terzi, bl-arja libera kif soġġetta għaċ-ċens annwu u temporanju ta' tnejn u tmenin Ewro u għoxrin ċenteżmu tal-Ewro (€82.20), bid-drittijiet u pertinenzi tiegħu kollha, liema proprjeta' tinsab aħjar deskritta fuq is-site-plan hawn annessa u mmarkata bħala DOK MS1;*

   b. *Illi, kwantu għall-provenjenza tal-fond suċitat, jiġi rilevat illi l-ġenituri tar-rikorrenti, u cioe Innocenzo u Gaetana, konjuġi Spiteri, akkwistaw l-utile dominju temporanju għal perjodu ta' mija u ħamsin (150) sena permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Joseph Agius tat-tlieta u għoxrin ta' Jannar tas-sena elf disa' mija disgħa u sebgħin (23.01.1979), kopja ta' liem qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala DOK MS2;*

c. *Illi inoltre, Gaetana Spiteri mietet fit-tletin ta' Diċembru elf disa' mija sebgħa u tmenin (30.12.1987) filwaqt li żewġha Innocenzo Spiteri miet fl-erbgħa u għoxrin ta' Ġunju tas-sena elfejn u sitta (24.06.2006). Permezz tal-aħħar testment unica charta tagħhom ppubblikat in atti tan-Nutar Henri Vassallo nhar it-tmienja u għoxrin ta' Novembru tas-sena elf disa' mija tnejn u tmenin (28.11.1982) – vide DOK MS3 – huma nnominaw lid-disa' uliedhom bħala l-eredi universali tagħhom f'porzjon ugwali bejniethom. Di pu, is-sehem ta' missier ir-rikorrenti u cioe ta' Innocenzo Spiteri ġie debitament iddikjarat permezz ta' att causa mortis ppubblikat in atti tan-Nutar Clinton Bellizzi datat wieħed u għoxrin ta' Novembru elfejn u sitta (21.11.2006), kopja ta' liem qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala DOK MS4;*

d. *Illi għalhekk is-sehem ta' kull wieħed mill-aħwa huwa dak ta' wieħed minn disgħa (1/9);*

e. *Illi wieħed mill-aħwa, proprju Paul Spiteri, miet intestat barra minn Malta fit-tnejn u għoxrin t'April elfejn u għoxrin (22.04.2020) u l-eredi tiegħu huma injoti għar-rikorrenti u nonostante d-diversi tentattivi li huma għamlu sabiex jistabbilixxu l-istess, huma ma rnexxielhomx jiskopru minn huwa d-detentur tas-sehem ta' parti minn disgħa (1/9) li jappartjeni lilu;*

f. *Illi r-rikorrenti flimkien iħaddnu s-sehem ta' tmienja minn disgħa (8/9) tal-fond de quo mertu tal-kawża;*

g. *Illi s-sehem rimanenti appartenenti lill-intimat huwa ta' parti minn disgħa (1/9);*

h. *Illi r-rikorrenti ilhom fi stat ta' ko-proprjeta' għal aktar minn tlett (3) snin;*

i. *Illi permezz ta' konvenju quddiem in-Nutar Dorian Sciberras datat ħmistax ta' Mejju elfejn u dsatax (15.05.2019) – vide DOK MS5 – ir-rikorrenti obbligaw ruħhom li jittrasferixxu a favur ta' Warren Falzon,*

*detentur tal-karta tal-identita' numru 554883M il-fond de quo suċitat, u dan versu l-prezz ta' mitt elf Ewro (€100,000), u skond il-pattijiet imsemmija fl-istess konvenju;*

j. *Illi l-imsemmi konvenju jiskadi nhar il-ħdax ta' Mejju tas-sena korrenti (11.05.2022);*

k. *Illi r-rikorrenti jiddikjaraw u jikkonfermaw li ma hemm l-ebda vertenza pendenti dwar il-qsim tal-istess proprjeta' quddiem xi Tribunal jew Qorti kompetenti;*

l. *Illi għalhekk, sabiex jiġi effettwat il-bejgħ tal-intier tal-fond sovra deskritt, ir-rikorrenti qegħdin jipprevalixxu ruħhom mill-Artikolu 495(A) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex jiġi approvat dan it-trasferiment;*

m. *Illi kontestwalment mar-rikors ġuramentat odjern, ir-rikorrenti qegħdin jannettu d-dikjarazzjoni relattiva tagħhom li permezz tagħha qed jiddikjaraw li jaqblu mal-bejgħ tal-intier tal-fond suriferit taħt il-kondizzjonijiet u l-pattijiet tal-konvenju datat ħmistax ta' Mejju elfejn u dsatax (15.05.2019) u dan ai termini tal-Artikolu 495(A) sub-inċiż (2) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

n. *Illi kontestwalment mar-rikors ġuramentat odjern, ir-rikorrenti ukoll qegħdin jannettu prospett li juri l-għadd tal-ishma relattivi tal-partijiet u dan ukoll ai termini tal-Artikolu 495(A) sub-inċiż (2) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

o. *Illi kontestwalment mar-rikors ġuramentat odjern, ir-rikorrenti ukoll qegħdin jannettu prospett li juri l-għadd tal-ishma relattivi tal-partijiet u dan ukoll ai termini tal-Artikolu 495(A) sub-inċiż (2) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

p. *Illi kontestwalment ukoll mar-rikors ġuramentat odjern, ir-rikorrenti qegħdin jippreżentaw rikors għall-ħatra ta' kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw l-interessi tad-decuius Paul Spiteri;*

3. Għaldaqstant ir-rikorrenti talbu lil din il-Qorti sabiex:

i. *Tawtorizza l-bejgħ tal-intier tad-dar bin-numru uffiċjali tlieta u sittin (63), fi Triq Sant' Aristarku, Rabat, Malta, hekk kif prospettat f'dan ir-rikors u fl-imsemmi konvenju datat ħmistax ta' Mejju elfejn u dsatax (15.05.2019) ffirmat bejn ir-rikorrenti u l-kumpratur Warren Falzon u dan ai termini tal-Artikolu 495(A) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

ii. *Tistabbilixxi l-ħin, jum u post meta u fejn għandu jsir l-imsemmi trasferiment;*

iii. *Tordna lill-Kuraturi Deputati appuntati sabiex jidhru u jirrappreżentaw lis-sidien tal-imsemmi fond u li mhux magħrufa fuq l-att ta' trasferiment fil-ħin, jum u post hekk stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, u fuq kull att ieħor in konnessjoni mal-istess trasferiment;*

iv. *Tinnomina lin-Nutar Dorian Sciberras sabiex jippubblika l-att ta' trasferiment;*

v. *Tordna u tawtorizza lir-rikorrenti sabiex jiddepożitaw is-somma rappreżentanti s-sehem indiviż fil-proprjeta' tal-intimat/i mhux magħrufa taħt l-awtorita' tal-Onorabbli Qorti u dan wara li mis-sehem tal-istess intimat/i mhux magħrufa titħallas id-debita taxxa dovuta kif ukoll wara li jitħallsu l-ispejjeż relattivi għad-drittijiet u l-ispejjeż tal-Kuraturi Deputati appuntati;*

vi. *Bla preġudizzju għat-talba suesposta, tagħti kull direzzjoni opportuna lin-Nutar Dorian Sciberras in rigward is-sehem rikavat mill-bejgħ tal-fond in vendita appartenenti lill-intimat/i.*

*Salv kull provvediment ieħor li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun.*

*Bl-ispejjeż;*

4. B'digriet mogħti minn din il-Qorti kif diversement presjeduta nhar il-ħmistax (15) ta' Ġunju 2022, l-Av Dr Joseph P Bonnici u l-PL Hilda Ellul Mercer ġew maħtura Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-eredi mhux magħrufa ta' Paul Spiteri;

5. Permezz ta' digriet mogħti fit-tlieta u għoxrin (23) t'Awwissu 2022, din il-Qorti appuntat il-kawża għas-seduta ta' nhar il-Ġimgħa tmienja u għoxrin (28) t'Ottubru 2022, b'ordni għan-notifika tar-rikors lill-intimati, illi ngħataw għoxrin (20) jum biex jirrispondu skont il-liġi;

6. Permezz ta' risposta ġuramentata datata sitta u għoxrin (26) ta' Settembru 2022, l-intimati **Av Dr Joseph P Bonnici noe et** eċċepew illi:

   a. *L-esponenti ma humiex edotti mill-fatti u jirriżervaw minn issa li jirrispondu b'mod aktar estensiv hekk kif jiġu mogħtiha l-informazzjoni rikjesta u relattiva u fit-tieni nett id-dokumenti esebiti għandhom jiġu konfermati mill-partijiet li preparawhom;*

   b. *Illi r-rikorrenti jridu jindikaw jekk il-konvenju skadiex jew jekk il-partijiet konċernati approvaw li tali konvenju ġiex prorogat jew le;*

   c. *Illi r-rikorrenti trid tipprova illi saret* (sic) *id-debita riċerki testamentarja fuq l-istess Paul Spiteri sia b'riċerki lokali u sia b'riċerki testamentarji ġewwa l-Awstralja sabiex jiddeterminaw jekk kellux xi eredi kif ukoll riċerka dwar l-attiv/passiv tal-persuni rappreżentati mill-esponenti;*

   d. *Illi r-rikorrenti jridu jipprovaw ukoll ili għamlu l-almu tagħhom sabiex jinnotifikaw lill-istess eredi jew ir-rappreżentanti tal-istess decuius bil-*

*proċeduri stipulati skond il-liġi inkluż il-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll Direttivi tal-Unjoni Ewropeja;*

e. *Illi a skans ta' spejjeż għandu jiġi preżentat rapport peritali inkluż valutazzjoni u konfermat bil-ġurament mill-Arkitett u Inġinier Ċivili ġja inkarigat mir-rikorrenti tal-fond mertu ta' din il-kawża;*

f. *Salv risposti u dokumenti ulterjuri skond il-każ.*

7. B'digriet mogħti nhar is-sebgħa u għoxrin (27) ta' Ġunju 2023, din il-Qorti laqgħet it-talba tal-atturi tat-tlieta u għoxrin (23) ta' Mejju 2023 sabiex tiġi ppreżentata in atti emenda tal-konvenju.

**Il-Qorti**

8. Reġgħet rat ir-rikors tar-rikorrenti Mario Spiteri et, u d-dokumenti annessi miegħu;

9. Reġgħet rat id-digriet ta' din il-Qorti kif diversement presjeduta illi permezz tiegħu ġew maħtura l-Av Dr Joseph P Bonnici u l-PL Hilda Ellul Mercer bħala Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw l-eredi mhux magħrufa ta' Paul Spiteri;

10. Reġgħet rat ir-risposta ġuramentata tal-Av Dr Joseph P Bonnici noe et;

11. Rat l-atti kollha tal-kawża;

12. Rat illi l-kawża ġiet differita għas-seduta tal-lum għas-sentenza;

13. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet Legali**

14. Il-kawża odjerna ġiet intavolata ai termini tal-Artikolu 495A tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, fejn huwa stabbilit illi:

> *495A. (1) Salv meta jkun hemm kondominju jew stat ta' indiviżjoni forzata, meta xi ħaġa tkun inżammet in komun għal iżjed minn tliet snin u ħadd mis-sidien ma jkun beda azzjoni quddiem xi qorti jew tribunal ieħor għall-qsim tal-proprjetà li tkun qed tinżamm in komun, u l-komproprjetarji jonqsu milli jiftiehmu dwar il-bejgħ ta' xi proprjetà partikolari bejniethom, il-qorti għandha, jekk tkun sodisfatta li ħadd mill-komproprjetarji dissidenti ma jkun gravament preġudikat b'dak li tordna, tawtorizza l-bejgħ skont ma jkun jixtieq l-akbar għadd ta' komproprjetarji fil-qies tal-valur tal-ishma li kull komproprjetarju jkollu.*
>
> *(2) It-talba lill-qorti għandha ssir permezz ta' rikors li miegħu jkun hemm annessa dikjarazzjoni tas-sidien fejn jaqblu li jsir il-bejgħ kif ukoll prospett li jkun juri l-għadd u l-valur tal-ishma li kull wieħed minnhom ikollu kif ukoll il-pattijiet u l-kondizzjonijiet li taħthom ikun ser isir il-bejgħ. Fir-rikors għandha tiġi indikata wkoll id-data meta l-ħwejjeġ ikunu ġew in komun u ċ-ċirkostanzi relattivi.*
>
> *(3) Ir-rikors għandu jiġi notifikat lill-komproprjetarji kollha li ma jkunux jaqblu mal-bejgħ kif ukoll lill-kuraturi li jiġu maħtura mill-qorti biex jirrappreżentaw lil min mill-komproprjetarji ma jkunx magħruf jew ma jkunx jista' jinstab. Ir-reġistratur għandu jara li kopja tar-*

*rikors tiġi pubblikata fil-Gazzetta u f'ġurnal wieħed ta' kuljum.*

*(4) Dikjarazzjoni li xi komproprjetarju minnhom ma jkunx magħruf jew ma jkunx jista' jinstab għandha tiġi konfermata bil-ġurament minn wieħed mir-rikorrenti.*

*(5) Il-komproprjetarji l-oħra kif ukoll il-kuraturi jistgħu, fi żmien għoxrin ġurnata min-notifika li ssirilhom tar-rikors, jew fil-każ ta' komproprjetarju li ma jkunx ġie notifikat bir-rikors fi żmien għoxrin ġurnata mill-aħħar pubblikazzjoni msemmija fis-subartikolu (3), jopponu l-bejgħ billi jiddikjaraw x'ikun il-preġudizzju gravi li huma jew il-komproprjetarji li jkunu jirrappreżentaw jistgħu jbatu minħabba fil-bejgħ.*

*(6) Meta tiġi biex tivvaluta jekk ikunx hemm xi preġudizzju serju għal xi wieħed mill-komproprjetarji, il-qorti għandha tqis kull fattur rilevanti inkluż il-valur tal-proprjetà u l-prezz tal-bejgħ, u tista' għal dak il-għan tordna li ssir stima tal-proprjetà skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 306 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.*

*(7) Il-qorti għandha tiddeċiedi dwar ir-rikors, u jekk tiddeċiedi li għandu jsir il-bejgħ, din għandha tistabbilixxi x'ikun il-prezz jew korrispettiv ieħor għal dak il-bejgħ u għandha iktar minn hekk –*

*(a) tistabbilixxi l-ħin, il-jum u l-post, meta u fejn għandu jsir it-trasferiment;*

*(b) meta l-bejgħ ikun ser isir permezz ta' att pubbliku, taħtar nutar biex jippubblika l-att;*

*(ċ) taħtar kuratur, ukoll minn fost il-komproprjetarji nfushom, sabiex jirrappreżenta lil min mill-komproprjetarji jonqos milli jidher quddiem in-nutar għall-kuntratt jew istrument ieħor ta' trasferiment.*

*(8) Il-qorti tista', billi jsirilha rikors minn xi parti li jkollha interess, tibdel il-jum, il-ħin jew il-post fejn ikun ser isir it-trasferiment.*

*(9) Jekk ikun hemm aktar minn komproprjetarju wieħed li jopponi jew f'każ li l-qorti tkun ċaħdet ir-rikors skont id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (7), il-qorti tista', minkejja d-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-artikolu, tordna l-bejgħ tal-beni b'liċitazzjoni skont id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 521 u 522.*

15. L-intimati noe m'opponewx għat-talbiet kif dedotti fir-rikors ġuramentat; <u>anzi</u>, waqt is-seduta tal-ħamsa u għoxrin (25) t'April 2024, l-Av Dr Joseph P Bonnici noe ddikjara illi kien qiegħed jirrimetti ruħu għall-provi prodotti mir-rikorrenti, u li dak li kien talab fir-risposta kien ġie sodisfatt;

16. Minkejja dan, iżda, din il-Qorti sejra xorta waħda tgħaddi sabiex tara illi l-elementi rikjesti mil-liġi sabiex tintlaqa' talba bħal dik odjerna jissussistu fil-każ odjern;

17. Din il-Qorti tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet:

    a. Jirriżulta illi l-proprjeta' in kwestjoni ilha tinżamm in komuni għal aktar minn tliet snin, u cioe sa mill-mewt ta' missier ir-rikorrenti Innocenzo

Spiteri nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Ġunju 2006[1], u li r-rikorrenti għandhom il-maġġor parti tal-ishma fil-fond in kwestjoni, kif rikjest mill-Artikolu 495A(1);

b. Ma tressqet l-ebda prova illi hemm xi kawża oħra pendenti għall-qsim tal-proprjeta' quddiem xi Qorti jew Tribunal ieħor għajr dik odjerna. Għaldaqstant jirriżulta sodisfatt dan ir-rekwiżit taħt l-Artikolu 495A(1);

c. Ir-rikorrenti jesebixxu prospett bl-għadd u l-valur tal-ishma ta' kull wieħed mill-partijiet involuti[2] kif ukoll il-konvenju illi taħtu ser isir il-bejgħ[3], u emenda tal-istess konvenju[4], kif ukoll prospett bil-pattijiet u l-kondizzjonijiet li taħthom ser isir il-bejgħ[5]. Dan in ottemporanza ma' dak rekwiżit fl-Artikolu 495A(2);

d. Ir-rikors ġie notifikat lill-kuraturi li ġew maħtura mill-qorti biex jirrappreżentaw lill-komproprjetarji illi m'humiex magħrufa, fit-termini tal-Artikolu 495A(3), u l-istess kuraturi saħansitra intavolaw risposta għar-rikors promotur. Il-Qorti rat ukoll illi saret id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u f'ġurnal wieħed lokali fit-termini tal-istess sub-artikolu[6];

e. Ir-rikorrenti Mario Spiteri u Mary Carmelina Muscat ikkonfermaw bil-ġurament tagħhom illi Paul Spiteri miet intestat barra minn Malta f'April 2020, li l-eredi tiegħu huma injoti għar-rikorrenti, u li nonostante d-diversi tentattivi li huma għamlu sabiex jistabbilixxu l-istess, ma rnexielhomx jiskopru min huma[7];

---

[1] Vide **Dok MS4** a fol 20 *et seq* tal-proċess
[2] Vide **Dok MS12** a fol 51 tal-proċess
[3] Vide **Dok MS5** a fol 26 *et seq* tal-proċess
[4] A fol 167-168 tal-proċess
[5] Vide **Dok MS13** a fol 52-53 tal-proċess
[6] A fol 57 u 59, u a fol 63 *et seq* tal-proċess
[7] Para 5 tar-rikors ġuramentat

f. Il-Kuraturi Deputati ngħataw l-opportunita' illi jopponu l-bejgħ u illi jiddikjaraw x'inhu l-preġudizzju gravi li huma ser ibatu minħabba fil-bejgħ, fit-termini tal-Artikolu 495A(5) tal-Kap 16;

18. Finalment, tenut kont tal-fatt illi ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni għall-pattijiet u l-kundizzjonijiet tal-bejgħ tal-fond in kwestjoni, din il-Qorti ma ratx il-ħtieġa illi ssir stima tal-proprjeta' fit-termini tal-Artikolu 495A(6). Dan anke wara illi rat il-*Valuation Report* redatt u ġuramentat mill-Perit Mark Abela[8]. Din il-Qorti ma jidhrilhiex illi ser jiġi arrekat lill-minoranza xi preġudizzju gravi jekk il-bejgħ isir taħt il-kundizzjonijiet kif mifthiema fl-istess konvenju;

19. In konsiderazzjoni tal-premess, in il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tilqa' t-talbiet rikorrenti kif dedotti.

**Decide**

20. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

(i) **<u>Tilqa' l-ewwel talba</u>** tar-rikorrenti u tawtorizza l-bejgħ tal-intier tad-dar bin-numru uffiċjali tlieta u sittin (63) fi Triq Sant'Aristarku, Rabat, Malta, bil-pattijiet u kundizzjonijiet imsemmija fil-konvenju datat ħmistax (15) ta' Mejju 2019 u emendat nhar it-tnax (12) ta' Ġunju 2021, iffirmat bejn ir-rikorrenti u Warren Falzon, ai termini tal-Artikolu 495A tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

(ii) **<u>Tilqa' t-tieni talba</u>** tar-rikorrenti u tordna illi l-pubblikazzjoni tal-att tal-bejgħ u trasferiment tal-proprjeta' in kwestjoni jsir fil-bini tal-Qrati tal-Ġustizzja nhar il-25 ta' Ottubru 2024*)* fis-2.00pm;

(iii) **<u>Tilqa' t-tielet talba</u>** tar-rikorrenti u tordna lill-Av Joseph P Bonnici, appuntat Kuratur Deputat, sabiex jidher fuq l-att ta' trasferiment fil-

[8] **Dok DB4** a fol 131 *et seq* tal-proċess

jum u l-post hawn fuq imsemmi, sabiex jirrappreżenta lis-sidien tal-fond mhux magħrufa, u fuq kull att ieħor in konnessjoni mal-istess trasferiment;

(iv) **<u>Tilqa' r-raba' talba</u>** tar-rikorrenti u tinnomina lin-Nutar Dorian Sciberras sabiex jippubblika l-att ta' trasferiment;

(v) **<u>Tilqa' l-ħames talba</u>** tar-rikorrenti u tordna u tawtorizza lir-rikorrenti sabiex jiddepożitaw is-somma rappreżentanti s-sehem indiviż fil-proprjeta' tal-intimat/i mhux magħrufa taħt l-awtorita ta' din il-Qorti, u dan wara li mis-sehem tal-istess intimat/i mhux magħrufa titħallas id-debita taxxa dovuta, kif ukoll wara li jitħallsu l-ispejjeż relattivi għad-drittijiet u l-ispejjeż tal-Kuraturi Deputati appuntati;

(vi) **<u>Tastjeni</u>** milli tieħu konjizzjoni tas-sitt talba.

Bl-ispejjeż ta' din il-kawża jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Geraldine Rickard**
**Deputat Reġistratur**